MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2015

Numru. 111/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs.**

**Salvatore Dipasquale**
**Enrico Aquilina**
**Mark Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra:

[1] *Vide* Dok. "A" – *a fol.* 14 *et seq.*. *Vide* wkoll *a fol.* 60 *et seq.*.

**Salvatore Dipasquale**, ta' dsatax (19) il-sena, iben Franco u Jacqueline neé Gauci, imwieled il-Pietà nhar il-31 ta' Ottubru 1992, joqghod gewwa 18, Melita, Triq il-Bramel, Swieqi u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 515892(M)

**Enrico Aquilina**, ta' dsatax (19) il-sena, iben Christopher u Mary Grace neé Farrugia, imwieled Pietà nhar il-14 ta' Mejju 1992, joqghod gewwa Dar il-Gilju, Triq is-Sindku P. Vella, Zebbug u detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 252592(M)

u

**Mark Galea**, ta' sbatax (17) il-sena, iben John-Mary u Catherine neé Cumbo, imwieled Pietà, nhar it-30 ta' Novembru 1994, u joqghod gewwa 27, Collage, Triq l-Alwetta, Mosta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 534794(M),

akkuzati talli:

1. nhar l-14 ta' Jannar 2012 f'xi hin matul il-gurnata, waqt li kienu gewwa Sliema kkommettew serq ta' hwejjeg, li l-ammont taghhom huwa ta' sitta u sittin Euro u tlieta u erbghin centezmu ta' l-Euro (€66.43) ghad-detriment tal-hanut Springfield;

2. fl-istess data u lok ikkommettew serq ta' hwejjeg, li l-ammont taghhom huwa ta' wiehed u tmenin Euro (€81.00) ghad-detriment tal-hanut Zara;

3. fl-istess data u lok ikkommettew serq ta' hwejjeg li l-ammont taghhom huwa ta' mija u dsatax il-Euro u sebgha u disghin centezmu ta' l-Euro (€119.97) ghad-detriment tal-hanut Pull and Bear.

<u>**Lil Enrico Aquilina wahdu akkuzat ukoll talli**</u>:

4. nhar l-14 ta' Jannar 2012 ghall-habta tal-11.30hrs gewwa tas-Sliema kkaguna griehi ta' natura gravi lil Emanuel-Noel Magri, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 35957(M).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "SM 14" – *a fol.* 55).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati fis-seduta tad-29 ta'April 2014, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghethom jiddikjaraw li ma kienux hatja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom (*a fol.* 18 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' April 2013, lill-parti leza Magri u lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Sarah Magri jixhdu.

Semghet, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 56 *et seq.*), lill-parti leza Magri jerga' jixhed, in segwitu ta' liema depozizzjoni l-Ufficjal Prosekutur talbet korrezzjoni fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati u wara li saret tali korrezzjoni, l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati regghu gew

moqrija bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur u rega' sar l-ezami tal-imputati (*a fol.* 62 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, meta rega' sar l-ezami tal-imputati (*a fol.* 62 *et seq.*), lill-imputati Salvatore Dipasquale u Mark Galea jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, meta rega' sar l-ezami tal-imputati (*a fol.* 62 *et seq.*), lill-imputat Enrico Aquilina jammetti li huwa hati biss tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra il-pozizzjoni tieghu. L-imputat Enrico Aquilina wiegeb li ma kienx hati li kkaguna feriti ta' natura gravi, u cioé tar-raba' (4) imputazzjoni.

Semghet, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 56 *et seq.*), lid-difiza tiddikjara li kienet qed tezenta lill-Qorti milli terga' tisma x-xhieda li kienu diga' nstemghu qabel l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati regghu gew moqrija bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur fl-imsemmija seduta.

Rat li l-imputati Salvatore Dipasquale u Mark Galea ghazlu li ma jixhdux u anqas ressqu provi.

Semghet lill-imputat Enrico Aquilina jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat li l-imputat Enrico Aquilina ma ressaqx provi ghajr id-depozizzjoni tieghu.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 104), l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li kien qed tirrimetti ruhha fuq il-provi li jirrizultaw mill-atti processwali.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 105 *et seq.*), il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2013, xehed il-parti leza **Emanuel-Noel Magri** (*a fol.* 21 *et seq.*) fejn spjega li fis-16 ta' Jannar 2012 kien fil-hanut tieghu Springfield f'The Point, Tigné, u hekk kif kien hemm l-imputati daqqet l-*alarm* tal-hwejjeg u kif impjegata marret biex ticcekjalhom il-basktijiet, l-imputati harbu jigru. Jghid li mentri tnejn mill-imputati hargu mill-entratura principali ta' The Point, wiehed minnhom hareg minn post iehor. Jghid li huwa mar jigri wara dawk li hargu mill-entratura principali, u cioé wara Enrico Aquilina u Mark Galea. Jghid li ghall-ewwel ma rnexxilux jaqbadhom u b'hekk mar lura biex jghajjat ghas-*security* u rega' mar ifittixhom u f'hin minnhom gew quddiemu. Jghid: *"u waslu ezatt quddiemi jien ghidtilhom tuni l-basktijiet. U wiehed telaq jigri naha u l-iehor qabad il-basket u tefahuli go wicci. U kif ha nigri warajh biex naqbdu, waqajt u ksirt il-wrist"* (*a fol.* 22 u 23). Jghid li kiser il-polz tax-xellug. Jghid li gie operat l-ghada fil-ghodu u wara xi xahar rega' gie operat ghax kellu n-nervituri ma jahdmux.

**Emanuel-Noel Magri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 58) fejn spjega li dak li kien xehed dwaru fis-seduta ta' qabel sehh fl-14 ta' Jannar 2012 u mhux kif qal qabel fejn semma d-data tas-16 ta' Jannar 2012.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2013, xehdet ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Sarah Magri** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn spjegat fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet taghha in segwitu tal-arrest ta' persuni minn gew Tigné Point dakinhar tal-akkadut. Ezebit diversi dokumenti li gew immarkati minn Dok. "SM 1" sa "SM 12" (*a fol.* 27 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014, xehed **Mr. Massimo Abela**[2] (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn ikkonferma r-rapport mediku li gie rilaxxat minnu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "MA 1" (*a fol.* 68 *et seq.*). Tul id-depozizzjoni tieghu spjega fiex kienu jinvolvi l-interventi li kellu jghaddi minnhom il-parti leza Magri minhabba li kellu ksur fil-polz tax-xellug. Jghid li Magri sofra dizabilita' permanenti ta' hamsa fil-mija.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta l-parti leza Magri ddahhal l-isptar, Magri ma kienx taht il-kura tieghu.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2014, xehed l-imputat **Enrico Aquilina** (*a fol.* 97 *et seq.*) fejn qal li hu u z-zewg imputati l-ohra kienu hadu xi hwejjeg mill-hanut Springfield u li wahda mis-*salesgirls* indunat u qaltilhom biex imorru maghha u huma u mexjin regghu daru l-barra. Jispjega li filwaqt li hu u Galea marru fit-*tunnel* ta' taht Tigné, l-imputat Dipasquale mar naha ohra. Jghid li dak il-hin ma kien hemm hadd warajhom. Jixhed li f'dan il-hin hu kien mal-imputat Mark Galea biss. Jispjega li stennew ftit minuti fit-*tunnel* u hargu u f'hin minnhom raw lil sid il-hanut jigri warajhom u hu u Galea nfirdu. Jghid li hu (Aquilina) kellu basket mimli hwejjeg ta' Springfield. Jixhed: *"Imbaghad jien nzilt l'isfel fit-tunnel u Mark tela' 'l fuq, jien tlaqt nigri u Mark tela' jigri 'l fuq. Imbaghad wara certu hin harist lura u rajtu li kien qed jigri warajja u*

[2] Originarjament Mr. Massimo Abela kien xehed fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013 pero d-depozizzjoni moghtija minnu fis-seduta msemmija ma setghetx tigi traskritta u ghaldaqstant, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 77), il-Qorti ordnat li Mr. Massimo Abela jerga' jigi mharrek biex jixhed.

*hallejt il-basket mal-art peress li ndunajt li kien ser jilhaqni. [...] Waqqajt il-basket u komplejt nigri u minn dak inhar ma ergajtx harist lura"* (*a fol.* 99). Jghid li ma ghad fadallu xejn mill-affarijiet li hadu mill-hanut. Fir-rigward tal-allegazzjoni li sid il-hanut wegga' minhabba li hu (Aquilina) tefaghlu l-basket, jichad li hu tefa' xi basktijiet.

In kontro-ezami jghid li lill-parti leza rawh gej mid-direzzjoni opposta wara li hu u Galea hargu mit-*tunnel*. Jghid li bejnu u Magri ma kien hemm l-ebda kuntatt. Jichad li Magri lehqu f'xi hin. Jghid li l-basket ma wadbux fid-direzzjoni ta' Magri.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti rat l-istqarrijiet rilaxxati mit-tliet imputati (*a fol.* 28 *et seq.*), liema stqarrijiet gew mehuda wara li l-imputati nghataw id-dritt li jikkonsultaw ma' avukat u huma ma hadux dan id-dritt (Dok. "SM 1" (*a fol.* 27), Dok. "SM 4" (*a fol.* 32), u Dok. "SM 7" (*a fol.* 37)). Riferenza sejra ssir ghal dak li l-imputati qalu fl-istqarrijiet rilxxati minnhom fir-rigward ta' dak li huwa relatat mar-raba' imputazzjoni, li tirrigwarda biss lil Enrico Aquilina. Fl-ewwel stqarrija (Dok. "SM 5" – *a fol.* 33 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, Aquilina jghid hekk: *"Wara ftit gie certu ragel li rana hergin fejn qalli sabiex ntih il-basket, ergajt dort lura ghal gol-car park u waqajt il-basket gol-car park u bqajt sejjer, umbad mort hdejn Mark u Salvatore"* (*a fol.* 34). Fl-ewwel stqarrija (Dok. "SM 8" – *a fol.* 38 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, Galea jghid hekk: *"Morna fil-mina fejn wara ftit dhalna sabiex niehdu n-nifs imma rajt ragel gej fid-direzzjoni taghna. Malli wasal vicin taghna qalilna sabiex jaghti l-basket, imma harab jigri. Dan il-hin jiena u Enrico nfridna u hadd ma jaf fejn kien spicca"* (*a fol.* 39). Il-Qorti mhijiex ser taghmel riferenza ghall-istqarrijiet rilaxxati minn Salvatore Dipasquale *stante* li dan infired minn maz-zewg imputati xi hin qabel.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-fatt li l-imputati Salvatore Dipasquale u Mark Galea ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom, ghaldaqstant dawn l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati. L-istess japplika ghall-ewwel tlitt imputazzjonijiet addebitati fil-konfront ta'l-imputat Enrico

Aquilina. Dak li jkun ghad jonqos x'jigi evalwat huwa jekk l-imputat Enrico Aquilina ghandux jinsab hati jew le tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, ghal liema imputazzjoni l-imputat Aquilina wiegeb li m'huwiex hati.

Illi taht ir-raba' (4) imputazzjoni l-imputat Aquilina qed jigi akkuzat li kkaguna griehi ta' natura gravi fil-konfront ta' Magri.

Illi d-divergenza bejn Magri u l-imputat Aquilina hija s-segwenti:

- Magri jghid: *"u waslu ezatt quddiemi jien ghidtilhom tuni l-basktijiet. U wiehed telaq jigri naha u l-iehor qabad il-basket u tefahuli go wicci. U kif ha nigri warajh biex naqbdu, waqajt u ksirt il-wrist"* (*a fol.* 22 u 23).

- Aquilina jghid: *"Imbaghad wara certu hin harist lura u rajtu li kien qed jigri warajja u hallejt il-basket mal-art peress li ndunajt li kien ser jilhaqni. [...] Waqqajt il-basket u komplejt nigri u minn dak inhar ma ergajtx harist lura"* (*a fol.* 99). Jichad li tefa' xi basket lil Magri.

Il-Qorti tinnota li anke fl-istqarrija (Dok. "SM 5" – *a fol.* 33 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, Aquilina jghid li huwa waqqa' l-basket mal-art u baqa' sejjer (*a fol.* 34).

Illi minkejja li l-Qorti jirrizultalha li meta Magri kiser il-polz huwa sofra griehi ta' natura gravi pero l-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfactentement pruvat li kien Aquilina li kkawza dawn il-griehi. Ghaldaqstant, l-imputat Aquilina ser jigi liberat mir-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-ewwel tlitt (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputati ser jinstabu hatja taghhom.
Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali taghhom (Dok. "SM 13" – *a fol.* 52 *et seq.*), li huma kompletament nodfa, in-natura tar-reati addebitati fil-

konfront taghhom u li gew pruvati, l-ammissjoni bikrija taghhom ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati lilhom, u kif ukoll il-valur tal-oggetti misruqa. Fir-rigward tal-imputat Mark Galea, il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li meta kkommetta r-reati addebitati lilu huwa kellu sbatax (17) il-sena u b'hekk ghandu jigi applikat Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sabiex l-imputati jaghrfu jimxu fit-triq it-tajba bil-konsegwenza li jekk jaghzlu li jirrepetu ghagir simili ghal dak fil-kawza odjerna jkun hemm konsegwenzi serji. Fil-kaz tal-imputat Mark Galea t-terminu ser ikun aqsar minn dak taz-zewg imputati l-ohra *stante* li huwa kellu sbatax (17) il-sena meta kkommetta r-reati *de quo*.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat Enrico Aquilina hati tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat Artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Salvatore Dipasquale, Enrico Aquilina u Mark Galea hatja tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputati Salvatore Dipasquale u Enrico Aquilina bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum, tillibera lill-imputat Mark Galea bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata msemmi hawn fuq.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------